Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Mejju 2026**
**(OR. en)**

**9303/26**
**ADD 1**

**ENV 509**
**MI 478**
**AGRI 375**
**CHIMIE 56**
**DELACT 89**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Mejju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2026) 1241 final - Annex |
| Suġġett: | ANNESS<br>tar-<br>REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...<br>li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjoni fuq l-użu tas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju fl-Anness I, il-Kategorija 6, tiegħu |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1241 final - Annex.

---

Mehmuż: C(2026) 1241 final - Annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2026
C(2026) 1241 final

ANNEX

# ANNESS

**tar-**

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjoni fuq l-użu tas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju fl-Anness I, il-Kategorija 6, tiegħu**

# ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fil-Kategorija 6 tal-lista ta' sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 25(a), l-entrata relatata mad-diossidu tal-karbonju hija emendata kif ġej:

| Numru EC | Isem/Grupp | Restrizzjoni | Kummenti |
|---|---|---|---|
| 204-696-9 | Diossidu tal-karbonju | "L-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali li fihom id-dijossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br><br>a) l-esponiment tal-utenti professjonali għad-diossidu tal-karbonju jibqa' taħt il-konċentrazzjoni ta' esponiment aċċettabbli (AEC, acceptable exposure concentration) ta':<br>(i) 1,5 % volum/volum (v/v) diossidu tal-karbonju għal-limitu ta' esponiment għal żmien qasir (STEL, short-term exposure limit) ta' 15-il minuta, u<br>(ii) 0,5 % v/v ta' diossidu tal-karbonju għall-medja ponderata skont il-ħin (TWA, time-weighted average) ta' 8 sigħat;<br><br>b) l-esponiment tal-utenti pubbliċi ġenerali jew tal-persuni fil-qrib għad-diossidu tal-karbonju jibqa' taħt iż-0,1 % v/v tad-diossidu tal-karbonju;<br><br>c) fejn xieraq, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa mill-utent kif deskritt fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott." | - |